# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 2 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**vs**
**Jason Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 709/2001**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Jason Mifsud, ta' 48 sena, bin Joseph u Doris nee' Gatt, imwieled Attard fil-25 ta' Ottubru 1972, residenti fil-fond bin-numru 85, 'Dorjoe', Triq iz-Zebbug, Zebbug Malta u detentur tal-karta ta' l-identita numru 476472M.

Akkuzat, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-18 ta' Dicembru 1996, u fil-perjodu immedjatament ta' wara, bil-hsieb li jiffroda l-Gvern ta' Malta minn dazju li kien imiss jithallas jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni, xjentement gie fil-pussess, laqa', zamm, heba' jew xjentement halla jew ittollera jew fittex li tigi milqugha, mizmuma jew mohbija ghandu, kif ukoll iddispona mill-vettura tal-marka Honda Prelude, bin-numru tax-chassis BB4-1201002 u makna bin-numru H22A1101385.

Akkuzat, f'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fit-18 ta' Dicembru 1996, u fil-perjodu immedjatament ta' wara, bil-hsieb li jiffroda l-Gvern ta' Malta minn taxxa fuq valur mizjud li kien imissha tithallas jew biex jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni, xjentement gie fil-pussess, laqa', zamm, heba' jew xjentement halla jew ittollera jew fittex li tigi milqugha, mizmuma jew mohbija ghandu kif ukoll iddispona mill-vettura tal-marka Honda Prelude, bin-numru tax-chassis BB4-1201002 u makna bin-numru H21A1101385.

Il-vettura in kwistjoni, li giet importata f'Malta fis-07 ta' Dicembru 1996 u rilaxxata fis-17 ta' Dicembru 1996 bid-dokument tad-Dwana Release Order 187823, giet mahruga mil-lok ta' kustodju fit-18 ta' Dicembru 1996 u sussegwentement registrata lokalment bin-numru LAF-212.

Il-valur, dazju u VAT mhallsa fuq l-imsemmija vettura kienu ta' Lm2264, Lm272, Lm380 rispettivament meta fil-fatt il-valur, dazju u VAT kellhom ikunu Lm6638, Lm797 u Lm1115 rispettivament kif jidher fin-Nota ta' Qbid numru 4/2001.

Akkuzat ukoll talli fis-06 ta' Marzu 1997, jew fix-xhur ta' qabel, ikkommetta serq ta' log book ta' karozza vojt, bin-numru tas-serje A419956, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fis-06 ta' Marzu 1997, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdi fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu few iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw billi ffalsifikaw log book ta' karozza, bin-numru tas-serje A419956, bi ksur ta' l-artiklu 183, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli fl-istess perjodu, sabiex jikseb xi benefficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ffalsifika il-log book bin-numru A419956, fil-konfront tal-karozza Honda Prelude, prezentement bin-numru tar-registrazzjoni LAF-212, bi skur ta' l-artiklu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, meta ghamel uzu mill-log book ta' karozza bin-numru tas-serje

A419956 kif ukoll dokumenti ohra, bi ksur ta' l-artikolu 184, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat talli f'Ottubru 1996, u fix-xhur ta' wara, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel 'invoice' falz ta' kumpanija fittizja bl-isem 'Akase Shadoji Takai Co. Ltd.' bi ksur ta' l-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Silvio Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:

a) 261, 279(1)(b), 267, 270, 281, 183, 188, 184, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 65 ta'l-Att XII tas-sena 1994; u
c) 60 u 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat is-sentenza mghotija llum stess permezz ta' liema l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sebghat imputazzjoni gew dikjarati preskritti.

Rat li wara l-ghoti ta' dik is-sentenza l-imputat ammetta r-raba u s-sitt imputazzjonijiet u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali,

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta r-raba u s-sitt imputazzjoni; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali ta'l-imputat u t-trapass taz-zmien minn meta sehhew dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat is-sentenza taghha mghotija aktar kmieni llum permezz ta' liema l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames u s-sebghat imputazzjoni gew dikjarati preskritti, u wara li rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tar-raba u s-sitt imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' tlett mija disgha u ghoxrin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€329.84), ekwivalenti ghal Lm141.60, rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**